**Bdejna dax-xahar b'ċajta**

Hekk riedet it-tradizzjoni
Li nibdew April biċ-ċajt,
Sakemm dan iferraħ il-qalb
U basta mhux għal ġol ħajt.

Naqra sens ta' umoriżmu
Id-dinja għadha wisq bżonn,
L-aktar f'daż-żmien fejn ħafna
Ma jurux qalb imma l-ponn.

Għax naqra ċajta w tbissima
Tagħti kuraġġ l-imġarrab,
Tgħinu jifhem li fil-ħajja
M'għandux jibqa' jitkarrab.

Ċajta flokha kemm tferraħna
Tibdilna jumna bis-sliem,
Żgur li mhux ilkoll toħodna
F'ħafna nkwiet li jtul iż-żmien.

Imbagħad f'dil-ħajja li tgħaddi
Donnu l-arloġġ qed jaħrab,
Mhux aħjar li nidħku daħka
Qabel l'hemm lilna jxarrab?

Hekk ċajta li ġejja mill-qalb
Taf tkun duwa li ddewwi,
Jalla kliemha jkunu ħlewwa
W qalb imkissra issewwi.

Nixtieqilkom minn qiegħ qalbi
Jum sabiħ mimli bl-għajta:
"Il-ħajja rigal minn Alla
Ħalli nżejnuha b'ċajta".

Patri Mario Attard OFM Cap
1 ta' April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.